MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 138/2009

**APS Bank Limited**

**Vs**

**Joseph Fabri**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih is-socjeta` attrici, wara li qalet illi:

Il-konvenut Joseph Fabri huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' mitejn u tnejn u sittin elf, sebgha mija u erbgha u sebghin Euro u hamsa u tletin centezmu (€ 262,774.35), rapprezentanti in kwantu tlieta u disghin elf, mija u sitta u disghin Euro u wiehed u sittin centezmu (€ 93,196.61) bilanc dovut fuq il-kont Overdraft numru tnejn

xejn xejn xejn xejn tnejn xejn hamsa disgha tnejn tmienja (2000205928), in kwantu ghal tmintax-il elf, mija u disgha u sittin Euro u tmenin centezmu (€ 18,169.80) bilanc dovut fuq il-kont Interest Disposal bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha disgha erbgha tmienja tlieta sebgha (20000494837), in kwantu ghal disgha u ghoxrin elf, tlett mija u tlieta u erbghin Euro u dsatax-il Euro centezmi (€ 29,343.19) bilanc dovut fuq il-kont Loan II bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn tnejn wiehed tlieta tnejn wiehed wiehed (20000213211), in kwantu ghal hamest'elef, sebgha mija u tmienja u erbghin Euro u wiehed u sittin Euro centezmi (€5,748.61) bilanc dovut fuq il-kont Interest Disposal bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha disgha erbgha tmienja hamsa disgha (20000494859), in kwantu ghal sebgha u disghin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin Euro u dsatax-il centezmu (€ 97,528.19) bilanc dovut fuq il-kont Loan III bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn tnejn wiehed tlieta tnejn tlieta tlieta (20000213233) u in kwantu ghal tmintax-il elf, sebgha mija u sebgha u tmenin Euro u hamsa u disghin Euro centezmi (€ 18,787.95) bilanc dovut fuq il-kont Interest Disposal bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha disgha erbgha tmienja disgha tlieta (20000494893), oltra l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2008 sal-pagament effettiv.

Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn, cert, likwidu u dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici u fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi, fil-fehma ta' l-istess socjeta` attrici, l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba tal-hlas ta' l-imsemmi ammont komplessiv.

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont hawn fuq imsemmi lis-socjeta` attrici, inkluz b'ittra ufficjali datata 27 ta' Jannar, 2007 huwa baqa' inadempjenti.

Illi s-socjeta` attrici qed tintavola Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' l-istess konvenut kontestwalment ma dan ir-rikors guramentat.

Illi r-rapprezentanta tas-socjeta` attrici taf b'dawn il-fatti personalment.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbu illi din il-qorti;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin elf, sebgha mija u erbgha u sebghin Euro u hamsa u tletin centezmu (€ 262,774.35) rapprezentanti in kwantu tlieta u disghin elf, mija u sitta u disghin Euro u wiehed u sittin centezmu (€ 93, 196.61) bilanc dovut fuq il-kont Overdraft numru tnejn xejn xejn xejn xejn tnejn xejn hamsa disgha tnejn tmienja (2000205928), in kwantu ghal tmintax-il elf, mija u disgha u sittin Euro u tmenin centezmu (€ 18,169.80) bilanc dovut fuq il-kont Interest Disposal bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha disgha erbgha tmienja tlieta sebgha (20000494837), in kwantu ghal disgha u ghoxrin elf, tlett mija u tlieta u erbghin Euro u dsatax-il Euro centezmi (€ 29,343.19) bilanc dovut fuq il-kont Loan II bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn tnejn wiehed tlieta tnejn wiehed wiehed (20000213211), in kwantu ghal hamest'elef, sebgha mija u tmienja u erbghin Euro u wiehed u sittin Euro centezmi (€5,748.61) bilanc dovut fuq il-kont Interest Disposal bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha disgha erbgha tmienja hamsa disgha (20000494859), in kwantu ghal sebgha u disghin elf, hames mija u tmienja u ghoxrin Euro u dsatax-il centezmu (€ 97,528.19) bilanc dovut fuq il-kont Loan III bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn tnejn wiehed tlieta tnejn tlieta tlieta (20000213233) u in kwantu ghal tmintax-il elf, sebgha mija u sebgha u tmenin Euro u hamsa u disghin Euro centezmi (€ 18,787.95) bilanc dovut fuq il-kont Interest Disposal bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn erbgha disgha erbgha tmienja disgha tlieta (20000494893), oltra l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2008 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Jannar, 2007 u tal-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat,

u bl-imghax ulterjuri b'effett mil-31 ta' Dicembru, 2008 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa millum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi r-rikors u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghall-konvenut.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fir-rikors, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------